Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Settembru 2024

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **sabiex kull persuna tisma' l-karba tad-dinja u tal-vittmi tad-diżastri naturali u tal-kriżi klimatika, ħalli nimpenjaw ruħna personalment biex nieħdu ħsieb tad-dinja li ngħixu fiha.**

**Ninġabar:**
Noqgħod bilqiegħda u nikkalma. Nidħol fil-preżenza ta' Alla l-imbierek biex inħossu ħdejja mimli mħabba. Nagħraf ir-rigal tal-pjaneta tagħna, id-dinja: insejħulha d-dar tagħna għalkemm ħarbatniha tul is-sekli.

**Fatt ċkejken:**
Id-deforestazzjoni żdiedet bil-kbir tul is-snin. Skont rapport tan-Nazzjonijiet Uniti, kull sena jinqerdu 130,000 kilometru kwadru mill-foresti tad-dinja. Wieħed mill-effetti mill-aktar koroh tal-qerda tas-siġar huwa t-tajn li jiġġarraf 'l isfel għax il-ħamrija ma jkollhiex l-għeruq li jżommuha mwaħħla fil-post. Fl-2006, it-tiġrif tat-tajn difen Guinsaugon fil-Gżejjer Filippini u qatel 57 ruħ. Fl-2010, f'Port-au-Prince fil-Haiti, xita qliel kaxkret tant tajn li waqqa' dar li kienet mibnija fuq in-niżla ta' għolja. Fl-1999, fl-Amerka Ċentrali mietu ħafna nies meta l-Uragan Mitch ġarr bosta ħamrija fix-xmajjar u għerreq diversi nħawi.




Meta ġew lura wara ħafna żmien barra minn pajjiżhom, Sebastião Ribeiro Salgado u martu Lélia skoprew li l-bosk folt u sabiħ ta' madwar id-dar tagħhom fil-Brażil kien tqaċċat u tħalliet biss medda art mhix għammiela. Iżda ġara li l-ambjent imħassar qanqal f'moħħ Lélia l-idea biex terġa' titħawwel il-foresta. Minkejja li tidher ħolma fiergħa, l-idea saret realtà bit-twaqqif ta' organizzazzjoni ambjentali dedikata għall-iżvilupp sostenibbli taż-żona tal-wied li sejħulha 'Darna'. Permezz ta' din l-organizzazzjoni sar sforz flimkien u ppjanat tajjeb biex, fi tnax-il sena reġgħu tħawlu xi żewġ miljun siġra. L-ekosistema b'saħħitha ta' din il-foresa l-ġdida mhux biss ħaffet il-proċess biex jerġgħu jikbru mijiet ta' speċi ta' pjanti u jirritornaw l-annimali selvaġġi, iżda wkoll stabilizzat il-wied, reġa' kien hemm l-għejun ta' ilma frisk, u n-nies tal-post ġew protetti minn każijiet ta' temp estrem.

**Naħseb ftit:**
F'dawn l-aħħar snin, l-għaxar diżastri naturali l-aktar koroh ġabu l-mewt ta' aktar minn miljun persuna.

**Nitlob:**
Grazzi, Mulej, li tajtna d-dinja, din il-pjaneta li tipprovdilna dak kollu li għandna bżonn. Għinna nifhmu li jiddependi minna kemm nieħdu ħsieb tal-pjaneta tagħna u ta' xulxin.

**Kliem ta' dawl:**
Tgħix sewwa meta jkollok relazzjonijiet tajba ma' Ommna d-Dinja, mhux meta taħkimha jew tisloħ minnha.

*Tauli Corpuz*

**X'nista' nagħmel:**
Nagħti l-appoġġ tiegħi fit-tul lil xi azzjoni waħda konkreta li tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima. Kemm jista' jkun, nixtri biss dawk il-prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.